GRUPP TA' ĦIDMA TAL-ARTIKOLU 29 DWAR IL-PROTEZZJONI TAD-DEJTA

http://www.cc.cec/tradesk/GUI/faces/jsp/docInfo/mandeskProductDetails.jsp**16/MT**
**WP 242 rev.01**

# Linji Gwida dwar id-dritt għall-portabbiltà tad-dejta

**Adottati fit-13 ta' Diċembru 2016**
**Kif Riveduti l-aħħar u adottati fil-5 ta' April 2017**

Dan il-Grupp ta' Ħidma ġie stabbilit skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva 95/46/KE. Huwa korp konsultattiv indipendenti Ewropew dwar il-protezzjoni tad-dejta u l-privatezza. Il-kompiti tiegħu huma deskritti fl-Artikolu 30 tad-Direttiva 95/46/KE u fl-Artikolu 15 tad-Direttiva 2002/58/KE.

Is-segretarjat huwa pprovdut mid-Direttorat Ċ (Drittijiet fundamentali u stat tad-dritt) tal-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali Ġustizzja u Konsumaturi, B-1049 Brussell, il-Belġju, Uffiċċju Nru MO59 05/35.

Websajt: http://ec.europa.eu/justice/dejta-protection/index_en.htm

**WERREJ**


**Sommarju eżekuttiv ....................................................................................... 3**

**I. Introduzzjoni ....................................................................................... 3**

**II. X'inhuma l-karatteristiċi ewlenin tal-portabbiltà tad-dejta? ....................... 4**

**III. Meta tapplika l-portabbiltà tad-dejta? ............................................ 9**

**IV. Dawn ir-regoli li jirregolaw l-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġetti tad-dejta kif japplikaw għall-portabbiltà tad-dejta? ............................................ 14**

**V. Kif trid tiġi pprovduta d-dejta? .................................................... 17**

**Sommarju eżekuttiv**

L-Artikolu 20 tal-GDPR joħloq dritt ġdid għall-portabbiltà tad-dejta, li hu marbut mill-qrib mad-dritt ta' aċċess iżda jvarja minnu f'diversi modi. Hu jippermetti li s-suġġetti tad-dejta jirċievu d-dejta personali li pprovdew lil kontrollur, f'format strutturat, użat b'mod komuni u li jinqara mill-magni, u jibagħtu dik id-dejta lil kontrollur ieħor tad-dejta. L-iskop ta' dan id-dritt il-ġdid hu li jagħti s-setgħa lis-suġġett tad-dejta u jagħtih iktar kontroll fuq id-dejta personali li tikkonċernah.

Peress li jippermetti t-trażmissjoni diretta ta' dejta personali minn kontrollur tad-dejta għal ieħor, id-dritt għall-portabbiltà tad-dejta hu wkoll għodda importanti li ser issostni l-fluss liberu ta' dejta personali fl-UE u li se trawwem il-kompetizzjoni bejn il-kontrolluri. Dan id-dritt se jiffaċilita l-qlib bejn fornituri ta' servizz differenti, u għalhekk ser irawwem l-iżvilupp ta' servizzi ġodda fil-kuntest tal-istrateġija tas-suq uniku diġitali.

Din l-opinjoni tipprovdi gwida dwar il-mod kif jiġi interpretat u implimentat id-dritt għall-portabbiltà tad-dejta kif introdott mill-GDPR. Għandha l-għan li tiddiskuti d-dritt għall-portabbiltà tad-dejta u l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan. Hi tiċċara l-kundizzjonijiet li fihom japplika dan id-dritt ġdid b'kunsiderazzjoni tal-bażi ġuridika tal-ipproċessar tad-dejta (il-kunsens tas-suġġett tad-dejta jew in-neċessità li jsir kuntratt) u l-fatt li dan id-dritt hu limitat għad-dejta personali pprovduta mis-suġġett tad-dejta. L-opinjoni tipprovdi wkoll eżempji u kriterji konkreti biex tispjega ċ-ċirkustanzi li fihom japplika dan id-dritt. F'dan ir-rigward, id-WP29 iqis li d-dritt għall-portabbiltà tad-dejta jkopri dejta pprovduta b'mod intenzjonat u attiv mis-suġġett tad-dejta kif ukoll id-dejta personali ġġenerata mill-attività tiegħu. Dan id-dritt ġdid ma jistax jiġi mxekkel jew limitat għall-informazzjoni personali kkomunikata b'mod dirett mis-suġġett tad-dejta, pereżempju, fuq formola online.

Bħala prattika tajba, jenħtieġ li l-kontrolluri tad-dejta jibdew jiżviluppaw il-mezzi li se jikkontribwixxu għat-tweġib ta' talbiet dwar il-portabbiltà tad-dejta, bħal għodod ta' tniżżil u Interfaċċji ta' Programmar. Jenħtieġ li dawn jiggarantixxu li d-dejta personali tintbagħat f'format strutturat, użat b'mod komuni u li jinqara mill-magni, u jenħtieġ li dawn jitħeġġu jiżguraw l-interoperabbiltà tal-format tad-dejta pprovdut fl-eżerċizzju ta' talba għall-portabbiltà tad-dejta.

L-opinjoni tgħin ukoll lill-kontrolluri tad-dejta biex jifhmu biċ-ċar l-obbligi rispettivi tagħhom u tirrakkomanda l-aħjar prattiki u għodod li jsostnu l-konformità mad-dritt għall-portabbiltà tad-dejta. Finalment, l-opinjoni tirrakkomanda li l-partijiet ikkonċernati tal-industrija u l-korpi kummerċjali jaħdmu flimkien fuq sett komuni ta' standards u formati interoperabbli biex jiksbu r-rekwiżiti tad-dritt għall-portabbiltà tad-dejta.

## I. Introduzzjoni

L-Artikolu 20 tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Dejta (GDPR) jintroduċi dritt ġdid għall-portabbiltà tad-dejta. Dan id-dritt jippermetti lis-suġġetti tad-dejta biex jirċievu d-dejta personali li pprovdew lil kontrollur, f'format strutturat, użat b'mod komuni u li jinqara mill-magni, u jibagħtu dik id-dejta lil kontrollur ieħor tad-dejta mingħajr tfixkil. Dan id-dritt, li japplika soġġett għal ċerti kundizzjonijiet, isostni l-għażla għall-utent, il-kontroll tal-utent u r-responsabbilizzazzjoni tal-utent.

L-individwi li jużaw id-dritt ta' aċċess tagħhom skont id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Dejta 95/46/KE kienu ristretti bil-format magħżul mill-kontrollur tad-dejta meta jipprovdu l-informazzjoni mitluba. **Id-dritt il-ġdid għall-portabbiltà tad-dejta għandu l-għan li jagħti s-setgħa lis-suġġetti tad-dejta rigward id-dejta personali tagħhom stess, peress li dan jiffaċilita l-ħila tagħhom li jmexxu, jikkupjaw jew jibagħtu dejta personali minn ambjent informatiku għal ieħor** (kemm għas-sistemi tagħhom stess, għas-sistemi ta' partijiet terzi fdati jew dawk ta' kontrolluri tad-dejta ġodda).

Bl-affermazzjoni tad-drittijiet personali u tal-kontroll tal-individwi fuq id-dejta personali li tikkonċernahom, il-portabbiltà tad-dejta tirrappreżenta opportunità għall-"ibbilanċjar mill-ġdid" tar-relazzjoni bejn is-suġġetti tad-dejta u l-kontrolluri tad-dejta[1].

Filwaqt li d-dritt għal portabbiltà tad-dejta personali jista' jsaħħaħ ukoll il-kompetizzjoni bejn is-servizzi (bl-iffaċilitar tal-qlib tas-servizzi), il-GDPR qed jirregola d-dejta personali u mhux il-kompetizzjoni. B'mod partikolari, l-artikolu 20 ma jillimitax id-dejta portabbli għal dik li hi neċessarja jew siewja għall-qlib tas-servizzi[2].

Għad li l-portabbiltà tad-dejta hi dritt ġdid, diġà jeżistu tipi oħra ta' portabbiltà jew inkella dawn qed jiġu diskussi f'oqsma oħra tal-leġiżlazzjoni (eż. fil-kuntesti ta' terminazzjoni ta' kuntratti, ta' itineranza tas-servizzi tal-komunikazzjoni u ta' aċċess transkonfinali għas-servizzi[3]). Ċerti sinerġiji u anki benefiċċji għall-individwi jistgħu jinkisbu bejn it-tipi differenti ta' portabbiltà jekk dawn jiġu pprovduti f'approċċ ikkombinat, għad li jenħtieġ li l-analoġiji jiġu ttrattati bil-galbu.

L-Opinjoni tipprovdi gwida lill-kontrolluri tad-dejta biex ikunu jistgħu jaġġornaw il-prattiki, il-proċessi u l-politiki tagħhom, u tiċċara t-tifsira tal-portabbiltà tad-dejta biex tippermetti lis-suġġetti tad-dejta jużaw id-dritt il-ġdid tagħhom b'mod effiċjenti.

## II. X'inhuma l-karatteristiċi ewlenin tal-portabbiltà tad-dejta?

Il-GDPR jiddefinixxi d-dritt għall-portabbiltà tad-dejta fl-Artikolu 20(1) kif ġej:

> *Is-suġġett tad-dejta għandu d-dritt li jirċievi d-dejta personali li tikkonċerna lilu, li huwa jkun ipprovda lil kontrollur, f'format strutturat, użat b'mod komuni u li jinqara permezz ta' magna u jkollu d-dritt li jibgħat dik d-dejta lil kontrollur ieħor mingħajr tfixkil mingħand il-kontrollur li lilu tkun ingħatat id-dejta [...]*

### - Dritt ta' riċevuta tad-dejta personali

L-ewwel nett, il-portabbiltà tad-dejta hi **dritt tas-suġġett tad-dejta li jirċievi subsett tad-dejta personali** ipproċessata minn kontrollur tad-dejta li tikkonċernah, u li jaħżen dik id-dejta

[1] L-iskop primarju tal-portabbiltà tad-dejta hu li ssaħħaħ il-kontroll tal-individwi fuq id-dejta personali tagħhom u l-iżgurar li dawn jaqdu rwol attiv fl-ekosistema tad-dejta.

[2] Pereżempju, dan id-dritt jista' jippermetti lill-banek biex jipprovdu servizzi addizzjonali, taħt il-kontroll tal-utent, billi jużaw dejta personali inizjalment miġbura bħala parti minn servizz tal-provvista tal-enerġija.

[3] Ara l-aġenda tal-Kummissjoni Ewropea għal suq uniku diġitali: https://ec.europa.eu/digital-agenda/en/digital-single-market, b'mod partikolari l-ewwel pilastru tal-politika "Aċċess online aħjar għall-oġġetti u għas-servizzi diġitali" ("Better online access to digital goods and services").

għal użu personali ulterjuri. Tali ħżin jista' jsir fuq apparat privat jew fuq cloud privata, mingħajr il-ħtieġa li d-dejta tintbagħat lil kontrollur ieħor tad-dejta.

F'dan ir-rigward, il-portabbiltà tad-dejta tikkomplimenta d-dritt ta' aċċess. Speċifiċità minnhom tal-portabbiltà tad-dejta tinsab fil-fatt li din toffri mod faċli għas-suġġetti tad-dejta biex jimmaniġġjaw u jerġgħu jużaw id-dejta personali huma stess. Jenħtieġ li din id-dejta tiġi riċevuta "*b'mod strutturat, użat b'mod komuni u li jinqara mill-magni*". Pereżempju, suġġett tad-dejta jista' jkun interessat li jsib il-lista mużikali attwali tiegħu (jew kronoloġija tal-kanzunetti li sema') minn servizz ta' xandir tal-mużika, biex isib kemm-il darba sema' kanzunetti speċifiċi, jew jivverifika liema mużika jixtieq jixtri jew jisma' fuq pjattaforma oħra. B'mod simili, jaf ikun irid isib ukoll il-lista ta' kuntatti tiegħu mill-applikazzjoni tal-webmail tiegħu, pereżempju, biex jibni lista ta' mistednin għat-tieġ, jew jikseb informazzjoni dwar ix-xirjiet billi juża karti ta' lealtà differenti, jew jivvaluta l-marka tal-karbonju tiegħu[4].

- **Dritt għat-trażmissjoni ta' dejta personali minn kontrollur tad-dejta għal kontrollur ieħor tad-dejta**

It-tieni, l-Artikolu 20(1) jipprovdi lis-suġġetti tad-dejta bid-**dritt li jibagħtu dejta personali minn kontrollur tad-dejta għal kontrollur ieħor tad-dejta** "mingħajr tfixkil". Id-dejta tista' tintbagħat direttament ukoll minn kontrollur tad-dejta għal ieħor fuq talba tas-suġġett tad-dejta u meta dan ikun teknikament fattibbli (Artikolu 20(2)). F'dan ir-rigward, il-premessa 68 tħeġġeġ lill-kontrolluri tad-dejta biex jiżviluppaw formati interoperabbli li jippermettu l-portabbiltà tad-dejta[5] iżda mingħajr ma toħloq obbligu għall-kontrolluri biex jadottaw jew iżommu sistemi ta' pproċessar li huma teknikament kompatibbli[6]. Madankollu, il-GDPR ma jipprojbixxix lill-kontrolluri milli jistabbilixxu ostakli għat-trażmissjoni.

Essenzjalment, dan l-element tal-portabbiltà tad-dejta jipprovdi l-ħila lis-suġġetti tad-dejta biex mhux biss jiksbu u jerġgħu jużaw, iżda anki jibagħtu d-dejta li pprovdew lil fornitur ta' servizz ieħor (fi ħdan l-istess settur kummerċjali jew f'ieħor differenti). Barra milli jipprovdi s-setgħa lill-konsumatur billi jipprevjeni "lock-in", id-dritt għall-portabbiltà tad-dejta hu mistenni li jrawwem l-opportunitajiet għall-innovazzjoni u għall-qsim ta' dejta personali bejn il-kontrolluri tad-dejta b'mod sikur u sigur, taħt il-kontroll tas-suġġett tad-dejta[7]. Il-portabbiltà tad-dejta tista' tippromwovi l-qsim ikkontrollat u limitat mill-utenti ta' dejta personali bejn l-organizzazzjonijiet u b'hekk tarrikkixxi s-servizzi u l-esperjenzi tal-klijenti[8]. Il-portabbiltà tad-dejta tista' tiffaċilita t-trażmissjoni u l-użu mill-ġdid ta' dejta personali rigward l-utenti fost id-diversi servizzi li huma interessati fihom.

---

[4] F'dawn il-każijiet, l-ipproċessar imwettaq fuq id-dejta mis-suġġett tad-dejta jista' jkun li jaqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet tal-unità domestika, meta l-ipproċessar kollu jsir taħt il-kontroll esklussiv tas-suġġett tad-dejta, jew inkella jista' jiġi ġestit minn parti oħra, għan-nom tas-suġġett tad-dejta. Fil-każ imsemmi l-aħħar, jenħtieġ li l-parti l-oħra titqies bħala l-kontrollur tad-dejta, anki għall-fini unika ta' ħżin ta' dejta personali, u jeħtiġilha tirrispetta l-prinċipji u l-obbligi stabbiliti fil-GDPR.

[5] Ara wkoll it-taqsima V.

[6] Konsegwentement, jenħtieġ li tinxteħet attenzjoni speċjali għall-format tad-dejta trażmessa, biex jiġi ggarantit li d-dejta tkun tista' terġa' tintuża, bi sforz minimu, mis-suġġett tad-dejta jew minn kontrollur ieħor tad-dejta. Ara wkoll it-taqsima V.

[7] Ara diversi applikazzjonijiet sperimentali fl-Ewropa, pereżempju MiData fir-Renju Unit, MesInfos / SelfData minn FING fi Franza.

[8] 'L hekk imsejħa industriji proprji u IoT ikkwantifikati wrew il-benefiċċju (u r-riskji) tal-irbit tad-dejta personali minn aspetti differenit tal-ħajja ta' individwu bħas-saħħa fiżika, l-attività u l-konsum ta' kaloriji biex tingħata stampa iktar kompluta tal-ħajja ta' individwu f'fajl wieħed.

- **Kontroll**

Il-portabbiltà tad-dejta tiggarantixxi d-dritt li tiġi riċevuta dejta personali u li din tiġi pproċessata, skont ix-xewqat tas-suġġett tad-dejta[9].

Il-kontrolluri tad-dejta li jwieġbu t-talbiet għall-portabbiltà tad-dejta, bil-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 20, mhumiex responsabbli għall-ipproċessar ġestit mis-suġġett tad-dejta jew minn kumpanija oħra li tirċievi dejta personali. Huma jaġixxu għan-nom tas-suġġett tad-dejta, inkluż meta d-dejta personali tintbagħat direttament lil kontrollur ieħor tad-dejta. F'dan ir-rigward, il-kontrollur tad-dejta mhuwiex responsabbli għall-konformità tal-kontrollur tad-dejta riċevitur mal-liġi dwar il-protezzjoni tad-dejta, b'kunsiderazzjoni tal-fatt li mhuwiex il-kontrollur tad-dejta mittenti li jagħżel lir-riċevitur. Fl-istess ħin jenħtieġ li l-kontrollur jistabbilixxi salvagwardji biex jiżgura li dawn jaġixxu ġenwinament għan-nom tas-suġġett tad-dejta. Pereżempju, huma jistgħu jistabbilixxu proċeduri biex jiżguraw li t-tip ta' dejta personali mibgħuta tabilħaqq hu dak li s-suġġett tad-dejta jixtieq jibgħat. Dan jista' jsir bil-kisba ta' konferma mingħand is-suġġett tad-dejta jew qabel it-trażmissjoni jew inkella iktar kmieni meta jingħata l-kunsens oriġinali għall-ipproċessar jew jiġi ffinalizzat il-kuntratt.

Il-kontrolluri tad-dejta li jwieġbu għal talba għall-portabbiltà tad-dejta m'għandhom ebda obbligu li jikkontrollaw u jivverifikaw il-kwalità tad-dejta qabel ma jibagħtuha. Ovvjament, jenħtieġ li din id-dejta diġà tkun preċiża, u aġġornata, skont il-prinċipji stipulati fl-Art 5(1) tal-GDPR. Barra minn hekk, il-portabbiltà tad-dejta ma timponix obbligu fuq il-kontrollur tad-dejta biex iżomm id-dejta personali għal żmien itwal milli hu neċessarju jew lil hinn minn kwalunkwe perjodu ta' żamma speċifikat[10]. Hu importanti li ma jkun hemm ebda rekwiżit addizzjonali biex tinżamm dejta lil hinn mill-perjodi ta' żamma li jkunu applikabbli, sempliċiment biex tinqeda kwalunkwe talba potenzjali futura għall-portabbiltà tad-dejta.

Meta d-dejta personali mitluba tiġi pproċessata minn proċessur tad-dejta, il-kuntratt konkluż f'konformità mal-Artikolu 28 tal-GDPR irid jinkludi l-obbligu li tingħata assistenza "lill-kontrollur permezz ta' miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa (...) li jwieġeb għat-talbiet tal-eżerċitar tad-drittijiet tas-suġġett tad-dejta". Għaldaqstant, jenħtieġ li l-kontrollur tad-dejta jimplimenta proċeduri speċifiċi f'kooperazzjoni mal-proċessuri tad-dejta tiegħu biex iwieġeb għat-talbiet ta' portabbiltà tad-dejta. F'każ ta' kontroll konġunt, jenħtieġ li kuntratt jalloka biċ-ċar ir-responsabbiltajiet bejn kull kontrollur tad-dejta rigward l-ipproċessar tat-talbiet għall-portabbiltà tad-dejta.

Barra minn dan, kontrollur tad-dejta riċevitur[11] hu responsabbli biex jiżgura li d-dejta portabbli pprovduta tkun rilevanti u mhix eċċessiva fir-rigward tal-ipproċessar ġdid tad-dejta. Pereżempju, fil-każ ta' talba għall-portabbiltà tad-dejta li ssir lil servizz tal-webmail, fejn it-talba tintuża mis-suġġett tad-dejta biex jikseb ittri elettroniċi u jibgħathom lil pjattaforma tal-arkivjar sigura, il-kontrollur tad-dejta l-ġdid ma jkollux bżonn jipproċessa d-dettalji ta' kuntatt tal-korrispondenti tas-suġġett tad-dejta. Jekk din l-informazzjoni ma tkunx rilevanti fir-rigward tal-iskop tal-ipproċessar il-ġdid, jenħtieġ li ma tinżammx u lanqas ma tiġi pproċessata. Fi kwalunkwe każ, il-kontrolluri tad-dejta riċevituri mhumiex obbligati jaċċettaw

[9] Id-dritt għall-portabbiltà tad-dejta mhuwiex limitat għal dejta personali li hi siewja u rilevanti għal servizzi simili pprovduti mill-kompetituri tal-kontrollur tad-dejta.

[10] Fl-eżempju ta' hawn fuq, jekk il-kontrollur tad-dejta ma jżommx rekord tal-kanzunetti li jisma' utent, din id-dejta personali ma tistax tiġi inkluża f'talba għall-portabbiltà tad-dejta.

[11] jiġifieri li jirċievi dejta personali wara talba għall-portabbiltà tad-dejta magħmula mis-suġġett tad-dejta lil kontrollur ieħor tad-dejta.

u jipproċessaw dejta personali trażmessa wara talba għall-portabbiltà tad-dejta. B'mod simili, meta suġġett tad-dejta jitlob it-trażmissjoni ta' dettalji tat-tranżazzjonijiet bankarji tiegħu lil servizz li jassisti fil-ġestjoni tal-baġit tiegħu, il-kontrollur tad-dejta riċevitur m'għandux bżonn jaċċetta d-dejta kollha, jew iżomm id-dettalji kollha tat-tranżazzjonijiet ladarba jkunu ġew immarkati għall-finijiet tas-servizz il-ġdid. Fi kliem ieħor, id-dejta aċċettata u miżmuma jenħtieġ li tkun biss dik li hi neċessarja u rilevanti għas-servizz li jkun qed jiġi pprovdut mill-kontrollur tad-dejta riċevitur.

Organizzazzjoni "riċevitriċi" issir kontrollur ġdid tad-dejta rigward din id-dejta personali u trid tirrispetta l-prinċipji stipulati fl-Artikolu 5 tal-GDPR. Għaldaqstant, il-kontrollur riċevitur "ġdid" tad-dejta jeħtieġlu jiddikjara biċ-ċar u b'mod dirett l-iskop tal-ipproċessar il-ġdid qabel kwalunkwe talba għat-trażmissjoni tad-dejta portabbli f'konformità mar-rekwiżiti ta' trasparenza stipulati fl-Artikolu 14[12]. Rigward kwalunkwe pproċessar ieħor ta' dejta taħt ir-responsabbiltà tiegħu, jenħtieġ li l-kontrollur tad-dejta japplika l-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 5, bħal-legalità, il-ġustizzja u t-trasparenza, il-limitazzjoni tal-iskop, il-minimizzazzjoni tad-dejta, il-preċiżjoni, l-integrità u l-kunfidenzjalità, il-limitazzjoni tal-ħżin u r-responsabbiltà[13].

Il-kontrolluri tad-dejta li jżommu dejta personali għandhom ikunu mħejjija biex jiffaċilitaw id-dritt tas-suġġett tad-dejta tagħhom għall-portabbiltà tad-dejta. Il-kontrolluri tad-dejta jistgħu jagħżlu wkoll li jaċċettaw dejta mingħand suġġett tad-dejta, iżda mhumiex obbligati jagħmlu dan.

- **Il-portabbiltà tad-dejta vs. drittijiet oħra tas-suġġetti tad-dejta**

**Meta individwu jeżerċita d-dritt tiegħu għall-portabbiltà tad-dejta, hu jagħmel dan mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dritt ieħor (bħal kif inhu l-każ bi kwalunkwe dritt ieħor fil-GDPR)**. Suġġett tad-dejta jista' jkompli juża u jibbenefika mis-servizz tal-kontrollur tad-dejta anki wara operazzjoni ta' portabbiltà tad-dejta. Il-portabbiltà tad-dejta ma tqanqalx b'mod awtomatiku t-tħassir tad-dejta[14] mis-sistemi tal-kontrollur tad-dejta, u ma taffettwax il-perjodu ta' żamma oriġinali li japplika għad-dejta li tkun intbagħtet. Is-suġġett tad-dejta jista' jeżerċita drittijietu diment li l-kontrollur tad-dejta jkun għadu qed jipproċessa d-dejta.

Hekk ukoll, jekk is-suġġett tad-dejta jixtieq jeżerċita d-dritt tiegħu għat-tħassir tad-dejta ("dritt li jkun minsi" skont l-Artikolu 17), il-portabbiltà tad-dejta ma tistax tintuża minn kontrollur tad-dejta bħala mod ta' ttardjar jew ta' rifjutar tat-tali tħassir.

Jekk suġġett tad-dejta jiskopri li d-dejta personali mitluba skont id-dritt għall-portabbiltà tad-dejta ma tindirizzax bis-sħiħ it-talba tiegħu, kwalunkwe talba ulterjuri għad-dejta personali skont dritt ta' aċċess jenħtieġ li tiġi rrispettata bis-sħiħ, f'konformità mal-Artikolu 15 tal-GDPR.

---

[12] Barra minn hekk, il-kontrollur il-ġdid tad-dejta jenħtieġ li ma jipproċessax dejta personali li mhix rilevanti, u l-ipproċessar irid ikun limitat għal dak li hu neċessarju għall-finijiet il-ġodda, anki jekk id-dejta personali tkun parti minn sett ta' dejta iktar globali trażmess permezz ta' proċess tal-portabbiltà. Dejta personali li mhix neċessarja għall-kisba tal-fini tal-ipproċessar il-ġdid, jenħtieġ li titħassar mill-iktar fis.

[13] Ladarba tiġi riċevuta mill-kontrollur tad-dejta, id-dejta personali mibgħuta bħala parti mid-dritt għall-portabbiltà tad-dejta tista' titqies bħala "pprovduta mis-"suġġett tad-dejta u tista' terġa' tintbagħat skont id-dritt għall-portabbiltà tad-dejta, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet applikabbli l-oħra għal dan id-dritt (jiġifieri l-bażi ġuridika tal-ipproċessar, ...).

[14] kif ġie ddikjarat fl-Artikolu 17 tal-GDPR

Barra minn hekk, meta liġi Ewropea jew ta' Stat Membru speċifika f'qasam ieħor tipprovdi wkoll għal xi forma ta' portabbiltà tad-dejta kkonċernata, il-kundizzjonijiet stipulati f'dawn il-liġijiet speċifiċi jridu jittieħdu f'kunsiderazzjoni wkoll meta tiġi ssodisfata talba għall-portabbiltà tad-dejta skont il-GDPR. L-ewwel nett, jekk ikun ċar mit-talba magħmula mis-suġġett tad-dejta li l-intenzjoni tiegħu mhix li jeżerċita d-drittijiet skont il-GDPR, iżda minflok, li jeżerċita d-drittijiet skont il-leġiżlazzjoni settorjali biss, id-dispożizzjonijiet tal-GDPR dwar il-portabbiltà tad-dejta ma jkunux japplikaw għal din it-talba[15]. Jekk, min-naħa l-oħra, it-talba tkun immirata lejn il-portabbiltà skont il-GDPR, l-eżistenza tat-tali leġiżlazzjoni speċifika ma tkunx prevalenti fuq l-applikazzjoni ġenerali tal-prinċipju tal-portabbiltà tad-dejta għal kwalunkwe kontrollur tad-dejta, kif stipulat mill-GDPR. Minflok, irid jiġi vvalutat, fuq bażi ta' każ b'każ, kif it-tali leġiżlazzjoni speċifika tista' taffettwa d-dritt għall-portabbiltà tad-dejta, jekk taffettwah affattu.

## III. <u>Meta tapplika l-portabbiltà tad-dejta?</u>

- **Liema operazzjonijiet ta' pproċessar huma koperti mid-dritt għall-portabbiltà tad-dejta?**

Il-konformità mal-GDPR teħtieġ li l-kontrolluri tad-dejta jkollhom bażi ġuridika ċara għall-ipproċessar ta' dejta personali.

F'konformità mal-Artikolu 20(1)(a) tal-GDPR, **biex jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-portabbiltà tad-dejta**, l-operazzjonijiet ta' proċessar iridu jkunu bbażati:

- fuq il-kunsens tas-suġġett tad-dejta (skont l-Artikolu 6(1)(a), jew skont l-Artikolu 9(2)(a) f'dak li għandu x'jaqsam ma' kategoriji speċjali ta' dejta personali);

- jew inkella fuq kuntratt li għalih ikun parti s-suġġett tad-dejta skont l-Artikolu 6(1)(b).

Bħala eżempju, it-titli ta' kotba mixtrija minn individwu fuq ħanut tal-kotba online, jew il-kanzunetti li sema' permezz ta' servizz ta' xandir tal-mużika huma eżempji ta' dejta personali li ġeneralment taqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-portabbiltà tad-dejta, għaliex huma pproċessati fuq il-bażi tal-eżekuzzjoni ta' kuntratt li għalih hu parti s-suġġett tad-dejta.

Il-GDPR ma jistabbilixxix dritt ġenerali għall-portabbiltà tad-dejta għal każijiet li fihom l-ipproċessar tad-dejta ma jkunx ibbażat fuq kunsens jew kuntratt[16]. Pereżempju, ma hemm

---

[15] Pereżempju, jekk it-talba tas-suġġett tad-dejta għandha l-għan speċifiku li tipprovdi aċċess għall-kronoloġija tal-kont bankarju tiegħu lil fornitur ta' servizz ta' informazzjoni dwar il-kontijiet, għall-finijiet stipulati fid-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Ħlas 2 (PSD2), jenħtieġ li t-tali aċċess jingħata skont id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva.

[16] Ara l-premessa 68 u l-Artikolu 20(3) tal-GDPR. L-Artikolu 20(3) u l-Premessa 68 jipprovdu li l-portabbiltà tad-dejta ma tapplikax meta l-ipproċessar tad-dejta jkun neċessarju għall-eżekuzzjoni ta' kompitu mwettaq fl-interess pubbliku jew fl-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali vestita fil-kontrollur tad-dejta, jew meta kontrollur tad-dejta jkun qed jeżerċita d-dmirijiet pubbliċi tiegħu jew jikkonforma ma' obbligu ġuridiku. Għaldaqstant, ma hemm ebda obbligu għall-kontrolluri tad-dejta biex jipprovdu għall-portabbiltà f'dawn il-każijiet. Madankollu, hi prattika tajba li jiġu żviluppati proċessi biex jitwieġbu b'mod awtomatiku t-talbiet għall-portabbiltà, billi jiġu segwiti l-prinċipji li jirregolaw id-dritt għall-portabbiltà tad-dejta. Eżempju ta' dan ikun servizz tal-gvern li jipprovdi tniżżil faċli ta' dikjarazzjonijiet imgħoddija tat-taxxa fuq l-introjtu personali. Għall-portabbiltà tad-dejta bħala prattika tajba fil-każ ta' pproċessar ibbażat fuq raġuni legali ta' neċessità għal interess leġittimu u

ebda obbligu għall-istituzzjonijiet finanzjarji li jwieġbu għal talba għall-portabbiltà tad-dejta rigward dejta personali pproċessata bħala parti mill-obbligi tagħhom biex jipprevjenu u jindividwaw il-ħasil tal-flus u kriminalità finanzjarja oħra; bl-istess mod, il-portabbiltà tad-dejta ma tkoprix dettalji ta' kuntratti professjonali pproċessati f'relazzjoni bejn negozju u ieħor f'każijiet li fihom l-ipproċessar la jkun ibbażat fuq il-kunsens tas-suġġett tad-dejta u lanqas fuq kuntratt li jkun parti għalih.

F'dak li għandu x'jaqsam mad-dejta tal-impjegati, id-dritt għall-portabbiltà tad-dejta tipikament japplika biss jekk l-ipproċessar ikun ibbażat fuq kuntratt li għalih ikun parti s-suġġett tad-dejta. F'ħafna każijiet, kunsens ma jiġix ikkunsidrat li ngħata liberament f'dan il-kuntest, minħabba l-iżbilanċ fil-poter bejn l-impjegatur u l-impjegat[17]. Ċertu pproċessar tar-riżorsi umani hu bbażat fuq ir-raġuni legali ta' interess leġittimu, jew hu neċessarju għall-konformità ma' obbligi ġuridiċi speċifiċi fil-qasam tal-impjiegi. Fil-prattika, id-dritt għall-portabbiltà tad-dejta f'kuntest tar-riżorsi umani bilfors li jikkonċerna ċerti operazzjonijiet ta' proċessar (bħal servizzi ta' ħlas u kumpens, reklutaġġ intern) iżda f'ħafna sitwazzjonijiet oħra ser ikun hemm bżonn ta' approċċ ta' każ b'każ biex jiġi vverifikat jekk humiex issodisfati l-kundizzjonijiet kollha li japplikaw għad-dritt għall-portabbiltà tad-dejta.

Finalment, id-dritt għall-portabbiltà tad-dejta japplika biss jekk l-ipproċessar tad-dejta "jitwettaq b'mezzi awtomatizzati", u għalhekk ma jkoprix ħafna mill-fajls stampati.

- **Liema dejta personali trid tkun inkluża?**

Skont l-Artikolu 20(1), biex taqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt għall-portabbiltà tad-dejta, id-dejta trid tkun:
- dejta personali li tikkonċernah, u
- li hu *pprovda* lil kontrollur tad-dejta.

L-Artikolu 20(4) jiddikjara wkoll li l-konformità ma' dan id-dritt m'għandhiex taffettwa b'mod avvers id-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn.

<u>L-ewwel kundizzjoni: dejta personali li tikkonċerna s-suġġett tad-dejta</u>

Dejta personali biss hi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' talba għall-portabbiltà tad-dejta. Għaldaqstant, kwalunkwe dejta li hi anonima[18] jew li ma tikkonċernax lis-suġġett tad-dejta, mhix se taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni. Madankollu, dejta psewdonima li tista' tiġi assoċjata biċ-ċar ma' suġġett tad-dejta (eż. billi hu jipprovdi l-identifikatur rispettiv, ara l-Artikolu 11(2)) taqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni.

F'ħafna ċirkustanzi, il-kontrolluri tad-dejta se jipproċessaw informazzjoni li jkun fiha d-dejta personali ta' diversi suġġetti tad-dejta. Meta dan ikun il-każ, jenħtieġ li l-kontrolluri tad-dejta ma jagħmlux interpretazzjoni restrittiva wisq tas-sentenza "dejta personali li tikkonċerna lis-suġġett tad-dejta". Bħala eżempju, reġistrazzjonijiet telefoniċi, tal-messaġġi interpersonali jew tal-VoIP jistgħu jinkludu (fil-kronoloġija tal-kont tal-abbonat) dettalji ta' partijiet terzi involuti f'telefonati riċevuti u magħmula. Għad li, għaldaqstant, ir-rekords ser ikun fihom

---

għal skemi volontarji eżistenti, ara l-paġni 47 u 48 tal-Opinjoni 6/2014 tad-WP29 dwar l-interessi leġittimi (WP217).

[17] Kif id-WP29 spjega fl-Opinjoni 8/2001 tiegħu tat-13 ta' Settembru 2001 (WP48).

[18] http://ec.europa.eu/justice/dejta-protection/article-29/documentation/opinion-recommendation/files/2014/wp216_mt.pdf

dejta personali li tikkonċerna lil diversi persuni, jenħtieġ li l-abbonati jkunu jistgħu jintbagħtulhom dawn ir-rekords bħala tweġiba għal talbiet għall-portabbiltà tad-dejta, għaliex ir-rekords jikkonċernaw (ukoll) lis-suġġett tad-dejta. Madankollu, meta t-tali rekords imbagħad jintbagħtu lil kontrollur tad-dejta ġdid, dan il-kontrollur tad-dejta l-ġdid jenħtieġ li ma jipproċessahiex għal xi skop li jkun jaffettwa b'mod avvers id-drittijiet u l-libertajiet tal-partijiet terzi (ara hawn taħt: it-tielet kundizzjoni).

It-tieni kundizzjoni: dejta pprovduta mis-suġġett tad-dejta

It-tieni kundizzjonijiet tirrestrinġi l-kamp ta' applikazzjoni għal dejta "pprovduta mis-"suġġett tad-dejta.

Hemm ħafna eżempji ta' dejta personali, li se tiġi "pprovduta mis-"suġġett tad-dejta b'mod intenzjonat u attiv bħal dejta dwar il-kont (eż. indirizz tal-posta elettronika, isem tal-utent, età) sottomessa permezz ta' formoli online. Minkejja dan, dejta "pprovduta mis-"suġġett tad-dejta tirriżulta wkoll mill-osservazzjoni tal-attività tiegħu. Konsegwentement, id-WP29 iqis li biex jingħata l-valur sħiħ lil dan id-dritt ġdid, "ipprovdut minn" jenħtieġ li tinkludi wkoll id-dejta personali li hi osservata mill-attivitajiet tal-utenti bħal dejta mhux ipproċessata li tiġi pproċessata minn arloġġ intelliġenti jew minn tipi oħra ta' oġġetti konnessi[19], minn logs tal-attività, minn kronoloġija tal-użu ta' sit web jew minn attivitajiet ta' tiftix.

Din l-aħħar kategorija ta' dejta ma tinkludix dejta li hi maħluqa mill-kontrollur tad-dejta (bl-użu tad-dejta osservata jew direttament ipprovduta bħala input) bħal profil tal-utent maħluq bl-analiżi tad-dejta mhux ipproċessata miġbura minn arloġġ intelliġenti.

Tista' ssir distinzjoni bejn kategoriji differenti ta' dejta, skont l-oriġini ta' din, biex jiġi ddeterminat jekk hijiex koperta mid-dritt għall-portabbiltà tad-dejta. Il-kategoriji li ġejjin jistgħu jiġu kkwalifikati bħala "pprovduti mis-suġġett tad-dejta":

- **Dejta pprovduta b'mod attiv u intenzjonat mis-suġġett tad-dejta** (pereżempju, indirizz tal-posta elettronika, isem tal-utent, età, eċċ.)
- **Dejta osservata pprovduta mis-suġġett tad-dejta permezz tal-użu tas-servizz jew tal-apparat**. Din tista' tinkludi pereżempju l-kronoloġija tat-tiftix, id-dejta dwar it-traffiku u d-dejta dwar il-lok ta' persuna. Tista' tinkludi wkoll dejta mhux ipproċessata oħra bħal taħbit il-qalb traċċat minn apparat li jintlibes.

Għall-kuntrarju, dejta inferita u dejta derivata jinħolqu mill-kontrollur tad-dejta fuq il-bażi tad-dejta "pprovduta mis-suġġett tad-dejta". Pereżempju, l-eżitu ta' valutazzjoni dwar is-saħħa ta' utent jew il-profil maħluq fil-kuntest ta' ġestjoni tar-riskju u ta' regolamenti finanzjarji (eż. biex jiġi assenjat punteġġ kredizju jew jiġu rrispettati r-regoli dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus) ma jistax jitqies minnu nnifsu bħala "pprovdut mis-"suġġett tad-dejta. Għad li t-tali dejta tista' tkun parti minn profil miżmum minn kontrollur tad-dejta u tiġi inferita jew idderivata mill-analiżi tad-dejta pprovduta mis-suġġett tad-dejta (permezz tal-azzjonijiet tiegħu, pereżempju), din id-dejta tipikament mhux se titqies bħala "pprovduta mis-

[19] Billi jkun jista' jsib id-dejta li tirriżulta mill-osservazzjoni tal-attività tiegħu, is-suġġett tad-dejta ser ikun jista' jieħu wkoll idea aħjar tal-għażliet ta' implimentazzjoni meħuda mill-kontrollur tad-dejta rigward il-kamp ta' applikazzjoni tad-dejta osservata u ser ikun f'sitwazzjoni aħjar li jagħżel liema dejta hu lest li jipprovdi biex jikseb servizz simili, u jkun jaf dwar kemm hu rrispettat id-dritt għall-privatezza tiegħu.

suġġett tad-dejta", u b'hekk mhix se taqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan id-dritt il-ġdid[20].

B'mod ġenerali, fid-dawl tal-objettivi tal-politika tad-dritt għall-portabbiltà tad-dejta, it-terminu "pprovduta mis-suġġett tad-dejta" jrid jiġi interpretat b'mod ġeneriku, u jenħtieġ li jeskludi "dejta inferita" u "dejta dderivata", li jinkludu dejta personali li tinħoloq minn fornitur ta' servizz (pereżempju, riżultati algoritmiċi). Kontrollur tad-dejta jista' jeskludi dik id-dejta inferita iżda jenħtieġ li jinkludi d-dejta personali l-oħra kollha pprovduta mis-suġġett tad-dejta permezz ta' mezzi tekniċi pprovduti mill-kontrollur[21].

B'hekk, it-terminu "pprovduta minn" jinkludi dejta personali li hi relatata mal-attività tas-suġġett tad-dejta jew tirriżulta mill-osservazzjoni tal-imġiba ta' individwu, iżda ma tinkludix dejta li tirriżulta mill-analiżi sussegwenti ta' dik l-imġiba. Għall-kuntrarju, kwalunkwe dejta personali li tkun inħolqot mill-kontrollur tad-dejta bħala parti mill-ipproċessar tad-dejta, eż. bi proċess ta' personalizzazzjoni jew ta' rakkomandazzjoni, bil-kategorizzazzjoni jew bil-ħolqien ta' profil tal-utent hi dejta li tiġi dderivata jew inferita mid-dejta personali pprovduta mis-suġġett tad-dejta, u mhix koperta mid-dritt għall-portabbiltà tad-dejta.

<u>It-tielet kriterju: id-dritt għall-portabbiltà tad-dejta m'għandux jaffettwa b'mod avvers id-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn</u>

**Fir-rigward ta' dejta personali li tikkonċerna lil suġġetti oħra tad-dejta:**

It-tielet kundizzjoni hi maħsuba biex tevita s-sejbien u t-trażmissjoni ta' dejta li tikkonċerna d-dejta personali ta' suġġetti tad-dejta oħra (li ma tawx il-kunsens) għal kontrollur ġdid tad-dejta f'każijiet li fihom din id-dejta jkollha probabbiltà li tiġi pproċessata b'mod li jkun jaffettwa b'mod avvers id-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti l-oħra tad-dejta (Artikolu 20(4) tal-GDPR)[22].

Tali effett avvers iseħħ, pereżempju, jekk it-trażmissjoni tad-dejta minn kontrollur tad-dejta għal ieħor tkun tipprevjeni lil partijiet terzi milli jeżerċitaw drittijiethom bħala suġġetti tad-dejta skont il-GDPR (bħad-drittijiet għall-informazzjoni, ta' aċċess, eċċ.).

Is-suġġett tad-dejta li jniedi t-trażmissjoni tad-dejta tiegħu lil kontrollur ieħor tad-dejta, jagħti l-kunsens għall-kontrollur il-ġdid tad-dejta għall-ipproċessar jew inkella jidħol f'kuntratt ma' dak il-kontrollur. Meta d-dejta personali ta' partijiet terzi tkun inkluża fis-sett ta' dejta, trid tiġi identifikata bażi ġuridika oħra għall-ipproċessar. Pereżempju, interess leġittimu jista'

---

[20] Minkejja dan, is-suġġett tad-dejta xorta waħda jista' juża d-"dritt tiegħu li jikseb mingħand il-kontrollur konferma dwar jekk hix qed tiġi pproċessata dejta personali li tikkonċernah, u, fejn dan ikun il-każ, aċċess għad-dejta personali" kif ukoll informazzjoni dwar "l-eżistenza ta' teħid ta' deċiżjonijiet b'mod awtomatizzat, inkluż il-ħolqien ta' profili, imsemmi fl-Artikolu 22(1) u (4) u, tal-inqas f'dawk il-każijiet, informazzjoni siewja dwar il-loġika involuta, kif ukoll is-sinifikat u l-konsegwenzi previsti tat-tali pproċessar għas-suġġett tad-dejta", skont l-Artikolu 15 tal-GDPR (li jirreferi għad-dritt ta' aċċess).

[21] Din tinkludi d-dejta kollha osservata dwar is-suġġett tad-dejta matul l-attivitajiet li għall-finijiet tagħhom tinġabar id-dejta, bħal kronoloġija tat-tranżazzjonijiet jew log tal-aċċess. Dejta miġbura permezz tat-traċċar u tar-reġistrazzjoni tas-suġġett tad-dejta (bħal app li tirreġistra taħbit il-qalb jew teknoloġija użata għat-traċċar tal-imġiba ta' bbrawżjar) jenħtieġ li tiġi kkunsidrata wkoll bħala "pprovduta minnu" anki jekk id-dejta ma tintbagħatx b'mod attiv jew b'mod konxju.

[22] Il-premessa 68 tistipula li "[fejn], f'ċertu sett ta' dejta personali, ikun ikkonċernat aktar minn suġġett wieħed tad-dejta, id-dritt ta' riċezzjoni tad-dejta personali għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-libertajiet ta' suġġetti tad-dejta oħrajn f'konformità ma' dan ir-Regolament."

jitfittex mill-kontrollur tad-dejta skont l-Artikolu 6(1)(f), b'mod partikolari meta l-iskop tal-kontrollur tad-dejta jkun li jipprovdi servizz għas-suġġett tad-dejta li jippermetti lil dan tal-aħħar jipproċessa d-dejta personali għal attività purament personali jew tal-unità domestika. L-operazzjonijiet ta' proċessar imnedija mis-suġġett tad-dejta fil-kuntest ta' attività personali li jikkonċernaw u potenzjalment ikollhom impatt fuq partijiet terzi jibqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, sa fejn it-tali pproċessar ma jkunx deċiż b'xi mod mill-kontrollur tad-dejta.

Pereżempju, servizz tal-webmail jista' jippermetti l-ħolqien ta' direttorju tal-kuntatti, tal-ħbieb, tal-qraba, tal-familja u tal-ambjent usa' ta' suġġett tad-dejta. Peress li din id-dejta hi relatata ma' individwu identifikabbli (u hi maħluqa minnu) li jixtieq jeżerċita d-dritt tiegħu għall-portabbiltà tad-dejta, jenħtieġ li l-kontrolluri tad-dejta jibagħtu d-direttorju sħiħ tal-ittri elettroniċi riċevuti u mibgħuta lil dak is-suġġett tad-dejta.

B'mod simili, kont tal-bank ta' suġġett tad-dejta jista' jkun fih dejta personali relatata mat-tranżazzjonijiet mhux biss tad-detentur tal-kont iżda anki ta' dawk l-individwi l-oħra (eż., jekk ikunu ttrasferixxew flus lid-detentur tal-kont). Hu improbabbli li d-drittijiet u l-libertajiet ta' dawk il-partijiet terzi jaffettwaw b'mod avvers it-trażmissjoni tal-informazzjoni dwar il-kont tal-bank lid-detentur tal-kont ladarba ssir talba tal-portabbiltà—diment li fiż-żewġ eżempji d-dejta tintuża għall-istess skop (jiġifieri, indirizz ta' kuntatt użat biss mis-suġġett tad-dejta jew kronoloġija tal-kont tal-bank tas-suġġett tad-dejta.

Għall-kuntrarju, id-drittijiet u l-libertajiet ta' partijiet terzi mhux se jiġu rrispettati jekk il-kontrollur il-ġdid tad-dejta juża d-dejta personali għal skopijiet oħra, eż. jekk il-kontrollur riċevitur tad-dejta juża dejta personali ta' individwi oħra fi ħdan id-direttorju ta' kuntatt tas-suġġett tad-dejta għal skopijiet ta' kummerċjalizzazzjoni.

Għaldaqstant, biex jiġu evitati effetti avversi fuq il-partijiet terzi involuti, l-ipproċessar tat-tali dejta personali minn kontrollur ieħor hu awtorizzat biss sa fejn dik id-dejta tinżamm taħt il-kontroll esklussiv tal-utent li jagħmel it-talba u hi ġestita biss għal ħtiġijiet purament personali jew tal-unità domestika. Kontrollur riċevitur "ġdid" tad-dejta (li lilu tista' tintbagħat id-dejta fuq it-talba tal-utent) ma jistax juża d-dejta trażmessa ta' parti terza għall-iskopijiet tiegħu stess eż. biex jipproponi prodotti u servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni lil dawk is-suġġetti tad-dejta terzi l-oħra. Pereżempju, jenħtieġ li din l-informazzjoni ma tintużax biex jiġi arrikkit il-profil tas-suġġett tad-dejta terz u jerġa' jinbena l-ambjent soċjali tiegħu, mingħajr l-għarfien u l-kunsens tiegħu[23]. Lanqas ma tista' tintuża biex tinstab informazzjoni dwar it-tali partijiet terzi u jinħolqu profili speċifiċi, anki jekk id-dejta personali tagħhom diġà tkun miżmuma mill-kontrollur tad-dejta. Inkella, tali pproċessar aktarx li jkun illegali u inġust, speċjalment jekk il-partijiet terzi kkonċernati ma jkunux ġew informati u ma jistgħux jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom bħala suġġetti tad-dejta.

Barra minn hekk, hi prattika ewlenija għall-kontrolluri tad-dejta kollha (kemm il-partijiet "mittenti" kif ukoll "riċevituri") li jimplimentaw għodod biex jippermettu lis-suġġetti tad-dejta jagħżlu d-dejta rilevanti li jixtiequ jirċievu u jibagħtu u jeskludu, fejn rilevanti, id-dejta ta' individwi oħra. Dan ser ikompli jassisti fit-tnaqqis tar-riskji għal partijiet terzi li d-dejta personali tagħhom tista' tiġi soġġetta għal porting.

[23] Jenħtieġ li servizz ta' netwerks soċjali ma jarrikkix il-profil tal-membri tiegħu billi juża dejta personali mibgħuta minn suġġett tad-dejta bħala parti mid-dritt tiegħu għall-portabbiltà tad-dejta, bla ma jirrispetta l-prinċipju tat-trasparenza kif ukoll jiżgura li jibbaża fuq bażi ġuridika xierqa rigward dan l-ipproċessar speċifiku.

Barra minn hekk, jenħtieġ li l-kontrolluri tad-dejta jimplimentaw mekkaniżmi ta' kunsens għal suġġetti tad-dejta oħra involuti, biex iħaffu t-trażmissjoni tad-dejta għal dawk il-każijiet li fihom it-tali partijiet ikunu lesti li jagħtu l-kunsens, eż. jekk iridu jmexxu wkoll id-dejta tagħhom lil xi kontrollur ieħor tad-dejta. Sitwazzjoni bħal din tista' tirriżulta, pereżempju, b'netwerks soċjali, iżda hu f'idejn il-kontrolluri tad-dejta li jiddeċiedu dwar il-prattika primarja li għandhom isegwu.

**Fir-rigward tad-dejta koperta mill-proprjetà intellettwali u minn sigrieti tal-mestier:** Id-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn huma msemmija fl-Artikolu 20(4). Filwaqt li mhumiex relatati b'mod dirett mal-portabbiltà, dan jista' jinftiehem bħala li jinkludi sigrieti tal-mestier jew proprjetà intellettwali u b'mod partikolari d-drittijiet tal-awtur li jipproteġu s-softwer. Madankollu, għad li dawn id-drittijiet jenħtieġ li jiġu kkunsidrati qabel ma titwieġeb talba għall-portabbiltà tad-dejta, "jenħtieġ li r-riżultat ta' dawk il-kunsiderazzjonijiet ma jkunx rifjut milli tiġi pprovduta l-informazzjoni kollha lis-suġġett tad-dejta". Barra minn hekk, jenħtieġ li l-kontrollur tad-dejta ma jirrifjutax talba għall-portabbiltà tad-dejta fuq il-bażi tal-ksur ta' dritt kuntrattwali ieħor (pereżempju, dejn pendenti, jew kunflitt kummerċjali mas-suġġett tad-dejta).

Id-dritt għall-portabbiltà mhuwiex dritt biex individwu juża ħażin l-informazzjoni b'mod li jista' jiġi kkwalifikat bħala prattika inġusta jew li tkun tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali.

Madankollu, riskju potenzjali għan-negozju ma jistax, minnu nnifsu, jservi bħala l-bażi għal rifjut ta' tweġib tat-talba għall-portabbiltà u l-kontrolluri tad-dejta jistgħu jibagħtu d-dejta personali pprovduta mis-suġġetti tad-dejta f'forma li ma toħroġx informazzjoni koperta minn sigrieti tal-mestier jew minn drittijiet ta' proprjetà intellettwali.

## IV. <u>Dawn ir-regoli li jirregolaw l-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġetti tad-dejta kif japplikaw għall-portabbiltà tad-dejta?</u>

- **X'informazzjoni preċedenti jenħtieġ li tiġi pprovduta lis-suġġett tad-dejta?**

Biex jirrispettaw id-dritt il-ġdid għall-portabbiltà tad-dejta, il-kontrolluri tad-dejta jeħtiġilhom jinformaw lis-suġġetti tad-dejta bl-eżistenza tad-dritt il-ġdid għall-portabbiltà. Meta d-dejta personali kkonċernata tinġabar direttament mingħand is-suġġett tad-dejta, dan irid iseħħ "fil-waqt li fih tinkiseb id-dejta personali". Jekk id-dejta personali ma tkunx inkisbet mingħand is-suġġett tad-dejta, il-kontrollur tad-dejta jeħtieġlu jipprovdi l-informazzjoni kif meħtieġ mill-Artikoli 13(2)(b) u 14(2)(c).

"Meta d-dejta personali ma tkunx inkisbet mingħand is-suġġett tad-dejta", l-Artikolu 14(3) jeħtieġ li l-informazzjoni tiġi pprovduta fi ħdan żmien raġonevoli li ma jaqbiżx ix-xahar wara l-kisba tad-dejta, matul l-ewwel komunikazzjoni mas-suġġett tad-dejta jew inkella meta ssir id-divulgazzjoni lil partijiet terzi[24].

Meta jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa, il-kontrolluri tad-dejta jeħtiġilhom jiżguraw li huma jagħmlu distinzjoni bejn id-dritt għall-portabbiltà tad-dejta u drittijiet oħra. Għaldaqstant, id-WP29 jirrakkomanda b'mod partikolari li l-kontrolluri tad-dejta jispjegaw

[24] L-Artikolu 12 jeħtieġ li l-kontrolluri tad-dejta jipprovdu "kwalunkwe komunikazzjoni [...] f'forma konċiża, trasparenti, intelliġibbli u faċilment aċċessibbli, bl-użu ta' lingwaġġ ċar u sempliċi, b'mod partikolari għal kwalunkwe informazzjoni indirizzata speċifikament lil minorenni."

biċ-ċar id-differenza bejn it-tipi ta' dejta li suġġett tad-dejta jista' jirċievi permezz tad-drittijiet ta' aċċess u ta' portabbiltà tad-dejta tas-suġġett.

Barra minn hekk, il-Grupp ta' Ħidma jirrakkomanda li l-kontrolluri tad-dejta dejjem jinkludu informazzjoni dwar id-dritt għall-portabbiltà tad-dejta qabel ma s-suġġetti tad-dejta jagħlqu xi kont li jista' jkollhom. Dan jippermetti lill-utenti jieħdu kont tad-dejta personali tagħhom, u jibagħtu faċilment id-dejta lill-apparat tagħhom stess jew lil fornitur ieħor qabel ma jiġi tterminat kuntratt.

Finalment, bħala prattika ewlenija għal kontrolluri tad-dejta "riċevituri", id-WP29 jirrakkomanda li s-suġġetti tad-dejta jiġu pprovduti b'informazzjoni sħiħa dwar in-natura tad-dejta personali li hi rilevanti għall-eżekuzzjoni tas-servizzi tagħhom. Minbarra li jsostni l-ipproċessar ġust, dan jippermetti lill-utenti jillimitaw ir-riskji għall-partijiet terzi, u anki kwalunkwe duplikazzjoni żejda oħra ta' dejta personali anki meta ma jkun involut ebda suġġett tad-dejta ieħor.

- **Il-kontrollur tad-dejta kif jista' jidentifika lis-suġġett tad-dejta qabel ma jwieġeb għat-talba tiegħu?**

Ma hemm ebda rekwiżit preskrittiv fil-GDPR dwar kif jiġi awtentikat is-suġġett tad-dejta. Minkejja dan, l-Artikolu 12(2) tal-GDPR jiddikjara li l-kontrollur tad-dejta m'għandux jirrifjuta milli jaġixxi fuq talba ta' suġġett tad-dejta biex jeżerċita d-drittijiet tiegħu (inkluż id-dritt għall-portabbiltà tad-dejta) sakemm ma jkunx qed jipproċessa dejta personali għal skop li ma jkunx jeħtieġ l-identifikazzjoni ta' suġġett tad-dejta u ma jkunx jista' juri li mhuwiex kapaċi jidentifika lis-suġġett tad-dejta. Madankollu, skont l-Artikolu 11(2), f'ċirkustanzi bħal dawn is-suġġett tad-dejta jista' jipprovdi iktar informazzjoni biex jippermetti li ssir l-identifikazzjoni tiegħu. Barra minn hekk, l-Artikolu 12(6) jipprovdi li fejn kontrollur tad-dejta jkollu dubji raġjonevoli dwar l-identità ta' suġġett tad-dejta, hu jista' jitlob informazzjoni ulterjuri biex jikkonferma l-identità tas-suġġett tad-dejta. Meta suġġett tad-dejta jipprovdi informazzjoni addizzjonali li tippermetti li jiġi identifikat, il-kontrollur tad-dejta m'għandux jirrifjuta milli jaġixxi fuq it-talba. Meta l-informazzjoni u d-dejta miġbura online jkunu assoċjati ma' psewdonimi jew ma' identifikaturi uniċi, il-kontrollur tad-dejta jistgħu jimplimentaw proċeduri xierqa li jippermettu lil individwu jagħmel talba għall-portabbiltà tad-dejta u jirċievi d-dejta relatata miegħu. Fi kwalunkwe każ, il-kontrolluri tad-dejta jeħtiġilhom jimplimentaw proċedura ta' awtentikazzjoni biex jiżguraw biċ-ċert l-identità tas-suġġett tad-dejta li jitlob id-dejta personali tiegħu jew b'mod iktar ġenerali jeżerċita d-drittijiet mogħtija mill-GDPR.

Spiss dawn il-proċeduri diġà jkunu jeżistu. Is-suġġetti tad-dejta spiss diġà jkunu ġew awtentikati mill-kontrollur tad-dejta qabel ma jidħlu f'kuntatt jew ifittex il-kunsens tagħhom għall-ipproċessar. Konsegwentement, id-dejta personali użata għar-reġistrazzjoni tal-individwu kkonċernat mill-ipproċessar tista' tintuża wkoll bħala evidenza għall-awtentikazzjoni tas-suġġett tad-dejta għall-finijiet tal-portabbiltà[25].

Filwaqt li f'dawn il-każijiet, l-identifikazzjoni minn qabel tas-suġġetti tad-dejta tista' tkun teħtieġ talba għal prova tal-identità legali tagħhom, tali verifika jaf ma tkunx rilevanti għall-valutazzjoni tar-rabta bejn id-dejta u l-individwu kkonċernat, peress li tali rabta mhix relatata

[25] Pereżempju, meta l-ipproċessar tad-dejta jkun assoċjat ma' kont ta' utent, l-għoti tal-login u tal-password rilevanti jista' jkun biżżejjed biex jiġi identifikat is-suġġett tad-dejta.

mal-identità uffiċjali jew legali. Essenzjalment, il-ħila li l-kontrollur tad-dejta jitlob informazzjoni addizzjonali biex jivvaluta l-identità ta' persuna ma tistax twassal għal domandi eċċessivi u għall-ġbir ta' dejta personali li mhix rilevanti jew neċessarja biex tissaħħaħ ir-rabta bejn l-individwu u d-dejta personali mitluba.

F'ħafna każijiet, diġà hemm proċeduri ta' awtentikazzjoni bħal dawn fis-seħħ. Pereżempju, l-ismijiet tal-utenti u l-passwords spiss jintużaw biex l-individwi jitħallew jaċċessaw id-dejta tagħhom fil-kontijiet tal-posta elettronika, fil-kontijiet tan-netwerks soċjali, u fil-kontijiet tagħhom li jużaw għal diversi servizzi oħra, u l-individwi jagħżlu li jużaw uħud minnhom bla ma jikxfu l-isem sħiħ u l-identità tagħhom.

Jekk id-daqs tad-dejta mitluba mis-suġġett tad-dejta jagħmel it-trażmissjoni bl-internet problematika, minflok ma potenzjalment jippermetti għal perjodu estiż ta' żmien ta' massimu ta' tliet xhur biex jikkonforma mat-talba[26], il-kontrollur tad-dejta jista' jkollu bżonn ukoll jikkunsidra mezzi alternattivi ta' kif jipprovdi d-dejta bħal billi juża xandir jew issejvjar fuq CD, DVD jew mezz fiżiku ieħor jew jippermetti biex id-dejta personali tintbagħat direttament lil kontrollur ieħor tad-dejta (skont l-Artikolu 20(2) tal-GDPR fejn teknikament fattibbli).

- **X'inhu l-limitu ta' żmien biex titwieġeb talba għall-portabbiltà?**

L-Artikolu 12(3) jeħtieġ li l-kontrollur tad-dejta jipprovdi "informazzjoni dwar l-azzjoni meħuda" lis-suġġett tad-dejta "mingħajr dewmien żejjed" u fi kwalunkwe każ "fi żmien xahar minn meta jirċievi t-talba". Dan il-perjodu ta' xahar jista' jiġi estiż sa massimu ta' tliet xhur għal każijiet kumplessi, diment li s-suġġett tad-dejta jkun ġie informat bir-raġunijiet għat-tali dewmien fi żmien xahar mit-talba oriġinali.

Il-kontrolluri tad-dejta li joperaw servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni aktarx li jkunu mgħammra aħjar biex ikunu jistgħu jikkonformaw mat-talbiet fi ħdan perjodu qasir ħafna ta' żmien. Biex jiġu ssodisfati l-aspettattivi tal-utenti, hi prattika tajba li jiġi ddefinit il-perjodu ta' żmien li fih talba għall-portabbiltà tad-dejta tipikament tista' titwieġeb u li dan jiġi kkomunikat lis-suġġetti tad-dejta.

F'konformità mal-Artikolu 12(4), kontrolluri tad-dejta li jirrifjutaw milli jwieġbu talba għall-portabbiltà għandhom jinformaw lis-suġġett tad-dejta "bir-raġunijiet għaliex ma jkunx ħa azzjoni u dwar il-possibbiltà li jitressaq ilment quddiem awtorità superviżorja u li jitfittex rimedju ġudizzjarju", mhux iktar tard minn xahar wara li jirċievu t-talba.

**Il-kontrolluri tad-dejta jeħtiġilhom jirrispettaw l-obbligu li jwieġbu fi ħdan it-termini partikolari, anki jekk it-tweġiba tkun rifjut. Fi kliem ieħor, il-kontrollur tad-dejta ma jistax jibqa' sieket meta jintalab iwieġeb talba għall-portabbiltà tad-dejta.**

- **F'liema każijiet tista' tiġi rrifjutata talba għall-portabbiltà tad-dejta jew jintalab ħlas?**

L-Artikolu 12 jipprojbixxi lill-kontrollur tad-dejta milli jitlob ħlas għall-forniment tad-dejta personali, sakemm il-kontrollur tad-dejta ma jkunx jista' juri li t-talbiet huma evidentement infondati jew eċċessivi, "b'mod partikolari minħabba n-natura ripetittiva tagħhom". Għal servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni li jispeċjalizzaw fl-ipproċessar awtomatizzat ta' dejta

[26] L-Artikolu 12(3): "Il-kontrollur għandu jipprovdi informazzjoni dwar l-azzjoni meħuda fuq talba".

personali, l-implimentazzjoni ta' sistemi awtomatizzati bħal Interfaċċji ta' Programmar (APIs)[27] tista' tiffaċilita l-iskambji mas-suġġett tad-dejta, u b'hekk itaffu l-piż potenzjali li jirriżulta minn talbiet ripetittivi. Għaldaqstant, jenħtieġ li ftit li xejn ikun hemm każijiet li fihom il-kontrollur tad-dejta jkun jista' jiġġustifika rifjut milli jforni l-informazzjoni mitluba, anki rigward diversi talbiet għall-portabbiltà tad-dejta.

Barra minn hekk, il-kost kumplessiv tal-proċessi maħluqa għat-tweġib tat-talbiet għall-portabbiltà tad-dejta jenħtieġ li ma jiġix ikkunsidrat għad-determinazzjoni tal-eċċessività ta' talba. Fil-fatt, l-Artikolu 12 tal-GDPR jiffoka fuq it-talbiet li jsiru minn suġġett tad-dejta wieħed u mhux fuq in-numru totali ta' talbiet riċevuti minn kontrollur tad-dejta. Bħala riżultat ta' dan, jenħtieġ li la jintalab ħlas għall-kostijiet ta' implimentazzjoni ġenerali tas-sistema mingħand is-suġġetti tad-dejta, u lanqas li dawn jintużaw biex jiġġustifikaw rifjut għat-tweġib ta' talbiet għall-portabbiltà.

## V. Kif trid tiġi pprovduta d-dejta?

### - X'inhuma l-mezzi mistennija li jenħtieġ li jimplimenta l-kontrollur tad-dejta għall-forniment ta' dejta?

L-Artikolu 20(1) tal-GDPR jipprovdi li s-suġġetti tad-dejta għandhom id-dritt li jibagħtu d-dejta lil kontrollur ieħor mingħajr tfixkil mill-kontrollur li lilu ġiet ipprovduta d-dejta personali.

Tali tfixkil jista' jiġi kkaratterizzat bħala kwalunkwe ostaklu legali, tekniku jew finanzjarju mixħut minn kontrollur tad-dejta biex irażżan jew jillimita l-aċċess, it-trażmissjoni jew l-użu mill-ġdid mis-suġġett tad-dejta jew minn kontrollur ieħor tad-dejta. Pereżempju, tfixkil bħal dan jista' jkun: imposti mitluba għall-forniment ta' dejta, għan-nuqqas ta' interoperabbiltà jew għall-aċċess għal format ta' dejta jew għal API jew għall-format ipprovdut, għal dewmien jew kumplessità eċċessivi biex jinkiseb sett ta' dejta sħiħ, ikkumplikar apposta tas-sett tad-dejta, jew standardizzazzjoni jew domandi ta' akkreditament settorjali speċifiċi u żejda jew eċċessivi[28].

L-Artikolu 20(2) jixħet ukoll obbligi fuq il-kontrolluri tad-dejta għat-trażmissjoni tad-dejta portabbli direttament lil kontrolluri oħra tad-dejta "meta teknikament fattibbli".

Il-fattibbiltà teknika tat-trażmissjoni minn kontrollur tad-dejta lil kontrollur, taħt il-kontroll tas-suġġett tad-dejta, jenħtieġ li tiġi vvalutata fuq il-bażi ta' każ b'każ. Il-premessa 68 tkompli tiċċara l-limiti ta' x'inhu "teknikament fattibbli", filwaqt li tindika li dan "ma għandux joħloq obbligu għall-kontrolluri li jadottaw jew iżommu sistemi tal-ipproċessar li huma teknikament kompatibbli".

Il-kontrolluri tad-dejta huma mistennija jibagħtu dejta personali f'format interoperabbli, għad li dan ma jixħitx obbligi fuq kontrolluri oħra tad-dejta biex jappoġġjaw dawn il-formati.

---

[27] Interface ta' Programmar (API) tfisser l-interfaċċi tal-applikazzjonijiet jew is-servizzi web imqiegħda għad-dispożizzjoni mill-kontrolluri tad-dejta sabiex sistemi jew applikazzjonijiet oħra jkunu jistgħu jillinkjaw u jaħdmu mas-sistemi tagħhom.

[28] Jista' jkun hemm ostakli leġittimi, bħal dawk li huma relatati mad-drittijiet u mal-libertajiet ta' oħrajn imsemmija fl-Artikolu 20(4), jew dawk relatati mas-sigurtà tas-sistemi proprji tal-kontrolluri. Għandha tkun ir-responsabbiltà tal-kontrollur tad-dejta li jiġġustifika għaliex it-tali ostakli jkunu leġittimi u għaliex ma jikkostitwixxux tfixkil skont it-tifsira tal-Artikolu 20(1).

Għaldaqstant, it-trażmissjoni diretta minn kontrollur tad-dejta għal ieħor tista' sseħħ meta l-komunikazzjoni bejn żewġ sistemi tkun possibbli, b'mod sigur[29], u meta s-sistema riċevitur tkun teknikament f'pożizzjoni li tirċievi d-dejta li taslilha. Jekk ix-xkiel tekniku jipprojbixxi t-trażmissjoni diretta, il-kontrollur tad-dejta għandu jispjega dak ix-xkiel lis-suġġetti tad-dejta, peress li inkella, id-deċiżjoni tiegħu se tkun simili fl-effett tagħha għal rifjut ta' teħid ta' azzjoni fuq it-talba ta' suġġett tad-dejta (Artikolu 12(4)).

Fuq livell tekniku, jenħtieġ li l-kontrolluri tad-dejta jesploraw u jivvalutaw żewġ metodi differenti u kumplimentari biex jagħmlu d-dejta portabbli disponibbli għas-suġġetti tad-dejta jew għal kontrolluri oħra tad-dejta:

- trażmissjoni diretta tas-sett ta' dejta ġenerali ta' dejta portabbli (jew diversi siltiet ta' partijiet mis-sett ta' dejta globali);
- għodda awtomatizzata li tippermetti l-estrazzjoni tad-dejta rilevanti.

It-tieni mod jista' jkun ippreferut mill-kontrolluri tad-dejta f'każijiet li jinvolvu settijiet ta' dejta kumplessi u kbar, peress li dan jippermetti għall-estrazzjoni ta' kwalunkwe parti mis-sett ta' dejta li hi rilevanti għas-suġġett tad-dejta fil-kuntest tat-talba tiegħu, jista' jgħin biex jimminimizza r-riskju, u possibbilment jippermetti l-użu ta' mekkaniżmi ta' sinkronizzazzjoni tad-dejta[30] (eż. fil-kuntest ta' komunikazzjoni regolari bejn il-kontrolluri tad-dejta). Jista' jkun mod aħjar kif tiġi żgurata konformità għall-kontrollur "il-ġdid" tad-dejta, u jkun jikkostitwixxi prattika tajba fit-tnaqqis tar-riskji għall-privatezza min-naħa tal-kontrollur inizjali tad-dejta.

Dawn iż-żewġ modi differenti u possibbilment kumplimentari ta' kif tiġi pprovduta dejta portabbli rilevanti jistgħu jiġu implimentati billi d-dejta titqiegħed għad-dispożizzjoni permezz ta' diversi mezzi bħal, pereżempju, messaġġi siguri, server SFTP, WebAPI jew WebPortal siguri. Jenħtieġ li s-suġġetti tad-dejta jkunu jistgħu jagħmlu użu minn maħżen ta' dejta personali, minn sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni personali[31] jew minn tipi oħra ta' partijiet terzi fdati, biex iżommu u jaħżnu d-dejta personali u jagħtu permess lill-kontrolluri tad-dejta biex jaċċessaw u jipproċessaw id-dejta personali kif meħtieġ.

- **X'inhu l-format tad-dejta mistenni?**

Il-GDPR jimponi rekwiżiti fuq il-kontrolluri tad-dejta biex jipprovdu d-dejta personali mitluba mill-individwu f'format li jsostni l-użu mill-ġdid. Speċifikament, l-Artikolu 20(1) tal-GDPR jiddikjara li d-dejta personali trid tiġi pprovduta "f'format strutturat, użat b'mod komuni u li jinqara permezz ta' magna". Il-Premessa 68 tistipula kjarifika ulterjuri li dan il-format jenħtieġ li jkun interoperabbli, terminu li hu ddefinit[32] fl-UE bħala:

> *il-kapaċità ta' organizzazzjonijiet differenti u diversi li jinteraġixxu lejn għanijiet ta' benefiċċju u miftiehma b'mod komuni, li jinvolvu l-qsim ta' informazzjoni u għarfien*

[29] Permezz ta' komunikazzjoni awtentikata bil-livell neċessarju ta' kriptaġġ tad-dejta.
[30] Il-mekkaniżmu ta' sinkronizzazzjoni jista' jgħin fl-ilħuq tal-obbligi ġenerali skont l-obbligu tal-Artikolu 5 tal-GDPR, li jipprovdi li "[d-]dejta personali għandha (...) tkun preċiża u, fejn meħtieġ, tinżamm aġġornata"
[31] Dwar is-sistemi ta' ġestjoni tal-informazzjoni personali (PIMS), ara pereżempju l-Opinjoni 9/2016 tal-EDPS, disponibbli fuq https://secure.edps.europa.eu/EDPSWEB/webdav/site/mySite/shared/Documents/Consultation/Opinions/2016/16-10-20_PIMS_opinion_EN.pdf
[32] Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 922/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej ĠU L 260, 03.10.2009, p. 20

*bejn l-organizzazzjonijiet permezz tal-proċessi tan-negozju li huma jappoġġaw, permezz tal-iskambju ta' dejta bejn is-sistemi tal-ICT rispettivi tagħhom.*

It-termini "strutturat", "użat b'mod komuni" u "li jinqara permezz ta' magna" huma sett ta' rekwiżiti minimi li jenħtieġ li jiffaċilitaw l-interoperabbiltà tal-format tad-dejta pprovdut mill-kontrollur tad-dejta. B'dak il-mod, "strutturat, użat b'mod komuni u li jinqara permezz ta' magna" huma speċifikazzjonijiet għall-mezzi, filwaqt li interoperabbiltà hi l-eżitu mixtieq.

Il-Premessa 21 tad-Direttiva 2013/37/UE[33,34] tiddefinixxi "li jinqara elettronikament" bħala:

*format ta' fajl strutturat biex applikazzjonijiet tas-softwer ikunu jistgħu jidentifikaw, jirrikonoxxu u jieħdu faċilment dejta speċifika, inklużi dikjarazzjonijiet tal-fatti individwali, u l-istruttura interna tagħhom. Dejta kkodifikata f'fajls li jkollhom struttura li tista' tinqara elettronikament hija dejta li tista' tinqara elettronikament. Formati li jinqraw elettronikament jistgħu jkunu miftuħa jew riżervati; jistgħu jkunu standards formali jew le. Dokumenti kkodifikati f'format ta' fajl li jillimita dan l-ipproċessar awtomatiku, minħabba li d-dejta ma tistax tittieħed jew ma tistax tittieħed faċilment minn dawn id-dokumenti, m'għandhomx jitqiesu bħala dokumenti li għandhom format li jinqara elettronikament. L-Istati Membri, fejn xieraq, għandhom jinkoraġġixxu l-użu ta' formati miftuħa li jinqraw elettronikament.*

Fid-dawl tal-firxa wiesa' ta' tipi potenzjali ta' dejta li jistgħu jiġu pproċessati minn kontrollur tad-dejta, il-GDPR ma jimponix rakkomandazzjonijiet speċifiċi dwar il-format tad-dejta personali li trid tiġi pprovduta. L-iktar format xieraq jkun ivarja bejn is-setturi u formati adegwati diġà jista' jkun li jeżistu, u jenħtieġ li dejjem jintgħażlu biex jinkiseb l-iskop li jkunu interpretabbli u jagħtu lis-suġġett tad-dejta grad għoli ta' portabbiltà tad-dejta. B'hekk, formati li huma soġġetti għal restrizzjonijiet marbuta mal-liċenzjar li jiswew ħafna flus ma jitqisux bħala approċċ adegwat.

Il-Premessa 68 tiċċara li "*[d-dritt] tas-suġġett tad-dejta li jittrażmetti jew jirċievi dejta personali dwaru ma għandux joħloq obbligu għall-kontrolluri li jadottaw jew iżommu sistemi tal-ipproċessar li huma teknikament kompatibbli.*" **B'hekk, il-portabbiltà għandha l-għan li tipproduċi sistemi interoperabbli, mhux sistemi kompatibbli**[35].

Dejta personali hi mistennija li tiġi pprovduta f'formati li għandhom livell għoli ta' astrazzjoni minn kwalunkwe format intern jew proprjetarju. B'hekk, il-portabbiltà tad-dejta timplika saff addizzjonali ta' pproċessar tad-dejta mill-kontrolluri tad-dejta, biex tiġi estratta d-dejta mill-pjattaforma u tiġi eliminata dejta personali li taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-portabbiltà, bħal dejta inferita jew dejta relatata mas-sigurtà tas-sistemi. B'dan il-mod, il-kontrolluri tad-dejta huma mħeġġa jidentifikaw minn qabel dejta li taqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-portabbiltà fis-sistemi tagħhom stess. Dan l-ipproċessar addizzjonali tad-dejta se jitqies bħala anċillari għall-ipproċessar ewlieni tad-dejta, peress li ma jsirx biex jinkiseb skop ġdid iddefinit mill-kontrollur tad-dejta.

---

[33] Li temenda d-Direttiva 2003/98/KE dwar l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku.

[34] Il-glossarju tal-UE (http://eur-lex.europa.eu/eli-register/glossary.html?locale=mt) jipprovdi iktar kjarifika dwar l-aspettattivi relatati mal-kunċetti użati f'din il-linja gwida, bħal *machine-readable* (li jinqara mill-magni), *interoperability* (interoperabbiltà), *open format* (format miftuħ), *standard, metadejta*.

[35] ISO/IEC 2382-01 jiddefinixxi l-interoperabbiltà kif ġej: "Il-kapaċità ta' komunikazzjoni, ta' eżekuzzjoni ta' programmi, jew ta' trasferiment ta' dejta fost diversi unitajiet funzjonali b'mod li jeħtieġ li l-utent ikollu ftit li xejn għarfien jew ebda għarfien dwar il-karatteristiċi uniċi ta' dawk l-unitajiet."

Meta ma jkun hemm ebda format użat b'mod komuni għal industrija partikolari jew f'kuntest partikolari, **jenħtieġ li l-kontrolluri tad-dejta jipprovdu dejta personali billi jużaw formati miftuħa użati b'mod komuni (eż. XML, JSON, CSV,...) flimkien ma' metadejta** siewja **fl-aħjar livell possibbli ta' granularità,** filwaqt li jżommu livell għoli ta' astrazzjoni. B'hekk, jenħtieġ li tintuża metadejta xierqa biex tiddeskrivi b'mod preċiż it-tifsira tal-informazzjoni skambjata. Jenħtieġ li din il-metadejta tkun biżżejjed biex tagħmel il-funzjoni u l-użu mill-ġdid tad-dejta possibbli iżda, ovvjament, mingħajr ma jinkixfu sigrieti tal-mestier. Għaldaqstant, hu improbabbli li l-forniment ta' verżjoni PDF lil individwu ta' kaxxa tal-ittri elettroniċi jkun strutturat jew deskrittiv biżżejjed biex id-dejta tal-kaxxa tal-ittri tkun tista' terġa' tintuża faċilment. Minflok, jenħtieġ li d-dejta tal-posta elettronika tiġi pprovduta f'format li jippreserva l-metadejta kollha, biex id-dejta tkun tista' terġa' tintuża b'mod effettiv. B'hekk, meta jagħżel format tad-dejta li fih jipprovdi d-dejta personali, jenħtieġ li l-kontrollur tad-dejta jikkunsidra kif dan il-format jaffettwa jew ixekkel id-dritt tal-individwu li jerġa' juża d-dejta. F'każijiet li fihom kontrollur tad-dejta jkun jista' jipprovdi għażliet lis-suġġett tad-dejta rigward il-format ippreferut tad-dejta personali, jenħtieġ li tiġi pprovduta spjegazzjoni ċara tal-impatt tal-għażla. Madankollu, l-ipproċessar ta' metadejta addizzjonali bl-uniku ħsieb li din tista' tkun meħtieġa jew mixtieqa għat-tweġib ta' talba għall-portabbiltà tad-dejta mhuwiex raġuni leġittima għat-tali pproċessar.

**Id-WP29 iħeġġeġ ferm il-kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati tal-industrija u l-korpi kummerċjali biex jaħdmu flimkien fuq sett komuni ta' standards u formati interoperabbli biex jiksbu r-rekwiżiti tad-dritt għall-portabbiltà tad-dejta.** Din l-isfida ġiet indirizzata wkoll mill-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà (EIF) li ħoloq approċċ miftiehem għall-interoperabbiltà għal organizzazzjonijiet li jixtiequ jfornu servizzi pubbliċi b'mod konġunt. Fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, il-qafas jispeċifika sett ta' elementi komuni bħal vokabolarju, kunċetti, prinċipji, politiki, linji gwida, rakkomandazzjonijiet, standards, speċifikazzjonijiet u prattiki[36].

- **Kif tiġi ttrattata kollezzjoni kbira jew kumplessa ta' dejta personali?**

Il-GDPR ma jispjegax kif tiġi indirizzata l-isfida ta' tweġib meta jkun hemm ġabra kbira ta' dejta, struttura kumplessa ta' dejta jew problema teknika oħra li tista' toħloq diffikultajiet għall-kontrollur tad-dejta jew għas-suġġetti tad-dejta.

Madankollu, fil-każijiet kollha, hu kruċjali li l-individwu jkun f'pożizzjoni li jifhem bis-sħiħ id-definizzjoni, l-iskema u l-istruttura tad-dejta personali li tista' tiġi pprovduta mill-kontrollur tad-dejta. Pereżempju, l-ewwel id-dejta tista' tiġi pprovduta f'forma miġbura fil-qosor bl-użu ta' daxxbords li jippermettu lis-suġġett tad-dejta jagħmel porting tas-subsettijiet tad-dejta personali minflok ta' kollha kemm hi. Il-kontrollur tad-dejta jenħtieġ li jipprovdi ħarsa ġenerali "f'forma konċiża, trasparenti, intelliġibbli u faċilment aċċessibbli, bl-użu ta' lingwaġġ ċar u sempliċi" (ara l-Artikolu 12(1)) tal-GDPR) b'tali mod li s-suġġett tad-dejta jenħtieġ li dejjem ikollu informazzjoni ċara ta' x'dejta jniżżel jew jibgħat lil kontrollur ieħor tad-dejta b'rabta ma' skop partikolari. Pereżempju, jenħtieġ li s-suġġetti tad-dejta jkunu f'pożizzjoni li jużaw applikazzjonijiet ta' softwer biex jidentifikaw, jagħrfu u jipproċessaw faċilment id-dejta minnhom.

Kif imsemmi iktar 'il fuq, mod prattiku li bih kontrollur tad-dejta jista' jwieġeb għat-talbiet għall-portabbiltà tad-dejta jista' jkun bl-offerta ta' API sigura u ddokumentata kif xieraq. Din

[36] Sors: http://ec.europa.eu/isa/documents/isa_annex_ii_eif_en.pdf

tista' tippermetti lill-individwi jagħmlu talbiet lill-kontrollur tad-dejta għad-dejta personali tagħhom permezz tas-softwer tagħhom stess jew ta' parti terza jew jagħtu permess lil oħrajn biex jagħmlu dan għan-nom tagħhom (inkluż kontrollur ieħor tad-dejta) kif speċifikat fl-Artikolu 20(2) tal-GDPR. Bl-għoti ta' aċċess għad-dejta permezz ta' API aċċessibbli esternament, jista' jkun possibbli wkoll li tiġi offruta sistema ta' aċċess iktar sofistikata li tippermetti lill-individwi jagħmlu talbiet sussegwenti għad-dejta, jew bħala tniżżel ta' fajl sħiħ jew bħala funzjoni delta li jkun fiha biss it-tibdiliet mill-aħħar fajl imniżżel, mingħajr ma dawn it-talbiet addizzjonali jkunu impenjattivi wisq għall-kontrollur tad-dejta.

- **Kif tista' tinżamm sigura d-dejta portabbli?**

B'mod ġenerali, jenħtieġ li l-kontrolluri tad-dejta jiggarantixxu "sigurtà xierqa tad-dejta personali, inkluża l-protezzjoni mill-ipproċessar mhux awtorizzat jew illegali u kontra t-telf, il-qerda jew il-ħsara aċċidentali, bl-użu ta' miżuri tekniċi jew organizzattivi xierqa" skont l-Artikolu 5(1)(f) tal-GDPR.

Madankollu, it-trażmissjoni ta' dejta personali lis-suġġett tad-dejta tista' tqajjem ukoll xi kwistjonijiet relatati mas-sigurtà:

<u>Il-kontrolluri tad-dejta kif jistgħu jiżguraw li d-dejta personali tiġi fornuta b'mod sigur lill-persuna t-tajba?</u>

Peress li l-portabbiltà tad-dejta għandha l-għan li tikseb dejta personali mis-sistema ta' informazzjoni tal-kontrollur tad-dejta, it-trażmissjoni tista' ssir sors possibbli ta' riskju rigward dik id-dejta (b'mod partikolari ta' serq tad-dejta matul it-trażmissjoni). Il-kontrollur tad-dejta hu responsabbli għat-teħid tal-miżuri ta' sigurtà kollha li huma meħtieġa biex jiġi żgurat li mhux biss id-dejta personali tiġi trażmessa b'mod sigur (bl-użu ta' kriptaġġ mill-bidu sal-aħħar jew tad-dejta) lejn id-destinazzjoni t-tajba (bl-użu ta' miżuri b'saħħithom ta' awtentikazzjoni), iżda jkompli jipproteġi d-dejta personali li tibqa' fis-sistemi tiegħu, kif ukoll proċeduri trasparenti għall-indirizzar tas-serq possibbli ta' dejta[37]. B'hekk, jenħtieġ li l-kontrolluri tad-dejta jivvalutaw ir-riskji speċifiċi marbuta mal-portabbiltà tad-dejta u jieħdu miżuri xierqa ta' mitigrazzjoni tar-riskji.

It-tali miżuri ta' mitigazzjoni jistgħu jinkludu: jekk is-suġġett tad-dejta diġà għandu bżonn jiġu awtentikat, l-użu ta' informazzjoni addizzjonali ta' awtentikazzjoni, bħal sigriet kondiviż, jew fattur ieħor ta' awtentikazzjoni, bħal password ta' darba; is-sospensjoni jew l-iffriżar tat-trażmissjoni jekk ikun hemm suspett li l-kont inxteħet f'riskju; f'każijiet ta' trażmissjoni diretta minn kontrollur tad-dejta lil kontrollur ieħor tad-dejta, jenħtieġ li tintuża l-awtentikazzjoni b'mandat, bħal awtentikazzjonijiet ibbażati fuq tokens.

It-tali miżuri ta' sigurtà ma jistgħux ikunu ta' xkiel fin-natura tagħhom u ma jistgħux jipprevjenu lill-utenti milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, eż. billi jimponu kostijiet addizzjonali.

<u>L-utenti kif jistgħu jiġu megħjuna fil-ħżin sigur tad-dejta personali tagħhom fis-sistemi tagħhom stess?</u>

[37] F'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/1148 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni

Meta jsibu d-dejta personali tagħhom minn servizz online, dejjem ikun hemm ir-riskju li l-utenti jistgħu jaħżnuha f'sistemi inqas siguri minn dik ipprovduta mis-servizz. Is-suġġett tad-dejta li jitlob id-dejta hu responsabbli biex jidentifika l-miżuri t-tajba biex iżomm sigura d-dejta personali fis-sistema tiegħu stess. Madankollu, jenħtieġ li jiġi informat b'dan biex jieħu passi bl-għan li jipproteġi l-informazzjoni li jkun irċieva. Bħala eżempju ta' prattika ewlenija, il-kontrolluri tad-dejta jistgħu jirrakkomandaw format(s) xierqa, għodod ta' kriptaġġ u miżuri ta' sigurtà oħra biex jgħinu lis-suġġett tad-dejta jikseb dan l-għan.

* * *

Magħmul fi Brussell, fit-13 ta' Diċembru 2016

*Għall-Grupp ta' Ħidma,*
*Il-President*
*Isabelle FALQUE-PIERROTIN*

Kif rivedut l-aħħar u adottat fil-05 ta' April 2017

*Għall-Grupp ta' Ħidma*
*Il-President*
*Isabelle FALQUE-PIERROTIN*